MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 522/2009

**Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Natalino Xuereb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Natalino Xuereb iben Joseph u Mary nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Dicembru 1967 u residenti 43, Ivy Triq San Edwardu, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 36168(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-16 ta' April 2009, ghall-habta ta' 12:00hrs gewwa Triq il-Vajrita, Marsaskala volontarjament hassar, ghamel

hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru LAC556 ta' ghamla Opel Corsa, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Tyrone Camilleri u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-Tyrone Camilleri u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Susan Mallia minn Paola Health Centre u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-Shantelle Camilleri u kkagunala griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Susan Mallia minn Paola Health Centre u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Mejju 2009 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.
Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-16 ta' April 2009 ghall-habta tal-12.00pm fi Triq il-Vajrita,

Marsascala bejn l-imputat u Tyrone Camilleri fejn allegatament giet kagunata hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAC556 tal-ghamla Opel Corsa u liema hsara giet stmata fl-ammont ta' €350 u fejn allegatament gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Tyrone Camilleri u Shantelle Camilleri.

Tyrone Camilleri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2010 qal li fid-data in dizamina kien wassal lill-ohtu Shantelle Camilleri sabiex tigbor handbag li kienet insiet warajha ghand Yoda l-fortune teller u huwa pparkeggja l-vettura tieghu fit-triq quddiem il-hanut ta' din tal-ahhar. Huwa jghid li t-triq quddiemu kienet maghluqa u li meta ohtu nizlet sabiex iggib il-handbag huwa qaghad bilqeghda fil-vettura tieghu bil-bieba miftuha u b'saqajh barra u ma gembu kien hemm it-tfajla tieghu Zoe Cutajar li kienet tqila. Camilleri jghid li meta hares lagemba ra lill-imputat hiereg minghand Yoda u mbaghad rah johrog il-vettura tieghu mill-parking u jipparkeggja warajh billi ghalaqlu t-triq. Dan ix-xhud qal li l-imputat imbaghad nizel mill-vettura u mar hdejh u staqsih jekk riedx jghid xi haga lit-tfal u meta huwa rrispondih li ma ried jghidilhom xejn l-imputat beda' jkelmu b'mod arroganti u tah daqqa bic-catt f'wiccu. Camilleri jghid li huwa mbuttalu idejh izda l-imputat kompla jsawtu u wadbu fil-karozza ghal fuq it-tfajla tieghu meta fil-pront harget ohtu u meta din qalet lill-imputat sabiex jieqaf dan imbuttaha u laqtilha imnehirha u mbaghad xejjer b'idejh u laqatha f'zaqqha. Skond Camilleri dak il-hin imbaghad harget Yoda mill-hanut ghaliex semghat l-ghajjat u semghat lill-imputat joffendi u jghajjar lix-xhud u hija qalet lill-imputat sabiex jieqaf u jitlaq ghaliex ma riditx problemi quddiem il-hanut taghha u f'dak l-istadju l-imputat telaq l'hemm u mar l-Ghassa jaghmel rapport u wara mar il-policlinic. Tyrone Camilleri ikkonferma li in kwantu jirrigwarda dan l-incident ittiehdu proceduri fil-konfronti tieghu liema proceduri ghaddew in gudikat. Tyrone Camilleri jghid li l-hsara li kellu fil-vettura tieghu giet kagunata mill-imputat li laqat il-bieba b'irkoptu. Shantelle Camilleri u Zoe Cutajar li xehdu fl-udjenzi tal-11 ta Novembru 2010 u tal-14 ta' April 2011 rispettivament taw

bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni tal-fatti moghtija minn Tyrone Camillleri.

L-imputat Natalino Xuereb irrilaxxja stqarrija fl-10 ta' Mejju 2009[1] fejn spjega li Tyrone Camilleri huwa t-tifel tal-ex partner tieghu u qal li huwa kien prattikament rabbieh mill-eta' ta' erba' snin sakemm kellu sittax-il sena. Dwar l-incident tas-16 ta' April 2009 huwa jghid li kien qieghed fil-vettura tieghu li kienet parkeggjata mal-gemb tat-triq meta gie Camilleri bil-vettura tieghu u pparkja fin-nofs u malli huwa dawwar sabiex jitlaq sema' lil Camilleri jghaddi xi kummenti u joffendih u huwa ghalhekk nizel mill-vettura sabiex jara ghalfejn dan kien qed joffendih. Malli wasal hdejn il-bieba tal-vettura ta' Camilleri l-imputat jghid li dan qallu li ma kienx jimpurtah minnu u fajjarlu daqqa ta' ponn f'ghajnejh u huwa mbaghad ifferocja u qabdu jiggieldu. L-imputat qal li Camilleri mbaghad hareg mill-vettura u neza' l-flokk li kien liebes u kompla joffendih u huwa mbaghad iddecieda li jitlaq minn fuq il-post anki ghaliex kien hemm xi nies li qalulu li kien ikun ahjar jekk jitlaq. Huwa cahad li kien ta xi daqqiet mal-bieba tal-vettura ta' Camilleri jew li kien strah maghha u qal ukoll li Shantelle Camilleri kienet gibditu lura izda huwa ma kienx isserra maghha. Huwa jghid ukoll li kien rebah il-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal li kellu ma omm Tyrone Camilleri u dan tal-ahhar ma riedx jaccettaha. L-imputat xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2011 fejn ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija dwar il-fatt li kien rabba lil Tyrone Camilleri peress li kien il-partner ta' ommu u dwar il-fatt li kellu l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal li kellu minghand Stefania Grech omm Tyrone Camilleri. Dwar l-incident in dizamina huwa qal li Tyrone Camilleri kien ipparkja l-vettura tieghu fin-nofs u huwa ma setghax johrog mill-parking bay li kien fih u ghalhekk daqq il-horn izda Camilleri ma saqx u mbaghad beda' joffendih u huwa ghalhekk nizel mill-vettura tieghu u mar hdejn il-vettura ta' Camilleri fejn dan kompla joffendih u fajjarlu daqqa ta' ponn f'wiccu. L-imputat jghid li huwa imbotta lil Camlileri u sadanittant hargu Chantelle Camilleri u Yoda li bdew jigbduh u huwa telaq l'hemm. Huwa cahad li kien sawwat lil Tyrone

[1] Inserita a fol. 20 u 21 tal-atti processwali.

Camilleri u lil Shantelle Camilleri jew li kien ikkaguna hsara fil-vettura ta’ Tyrone Camilleri u qal li l-hsara fil-vettura kienet fil-fatt giet kagunata minn certu Jesmond Vassallo ghaliex Tyrone Camilleri kien ser itajjarlu t-tfal. L-imputat qal ukoll li Shantelle Camilleri kienet marret tiskuza ruhha mieghu u qaltlu li kellha l-problemi ma ommha.

Illi f’dawn il-proceduri xehdet ukoll Yoda Cassar[2] li qalet li fil-gurnata in dizamina kienet semghat xi ghajjat u glied u meta harget barra rat zewgt irgiel jargumentaw bil-kliem u hija pruvat tikkalmhom u kkonvinciet lill-imputat jidhol fil-vettura tieghu u zammet lil-iehor fuq il-post bil-kliem sabiex tevita li dawn jergghu jiltaqghu fit-triq u jergghu jiggieldu. Hija qalet li ma rat lil hadd qed jaqla’ jew jaghti d-daqqiet u l-anqas qalet li rat xi hsarat fil-vettura ta’ Tyrone Camilleri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti dwar dak li sehh dakinhar tas-16 ta’ April 2009. Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta’ Dicembru, 1997)*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakret li l-grad ta’ prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta’ prova li ma jhalli ebda ombra ta’ dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b’applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ‘proof beyond a reasonable doubt.’

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relativa inserita a fol. 64 et sequitur tal-atti processwali.

*“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ‘of course it is possible but not in the least probable’, the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.”*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** gie ritenut li:

*“Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.”*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza* fid-19 ta’ Mejju, 1997*)*** gie ritenut illi:

*“it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz ghandha dubji serji dwar liema verzjoni tal-fatti tirrifletti l-verita'. Il-Qorti setghat inoltre tikkonstata li il-verzjoni moghtija mill-unika xhud indipendenti u cioe' Yoda Cassar aktar tikkombacja mal-verzjoni moghtija mill-imputat milli ma dik moghtjia minn Tyrone Camilleri. Din ix-xhud fil-fatt qalet li meta harget iz-zewgt irgiel kienu qed jargumentaw bil-kliem izda ma kienux qed jaghtu bl-idejn u ma semmiet xejn dwar hsarat fil-vettura ta' Tyrone Camilleri. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkaguna xi hsara volontarja fuq il-vettura ta' Tyrone Camilleri. Il-Qorti inoltre jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil Tyrone Camilleri izda l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agredixxa lil Camilleri wara li gie provokat u agredit minn dan tal-ahhar u li jekk ikkaguna griehi fuq il-persuna ta' Shantelle Camilleri dan sar involontarjament. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li kien hemm ksur ta' buon ordni u paci pubblika da parti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) u tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' mija u hamsin Ewro (€150).Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------